KUNSILL LOKALI - IL-MUNXAR - LOCAL COUNCIL

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**Laqgħa Nru.** 24/2016(27_10_16)

Data: 27 ta' Ottubru 2016

Ħin: 5.30 ta' filgħaxija

Post: Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

---

Preżenti: **Is-Sinjura Carmen Said** - Sindku
**Is-Sur Robert Mallia** - Viċi Sindku wasal tard u wasal fis-6.15 ta' filgħaxija.
**Is-Sur Damien Spiteri** - Kunsillier
**Is-Sinjorina Sonja Abela** - Kunsillier

**Is-Sur Anthony Grech** - Segretarju Eżekuttiv

Skużati: **Is-Sur Paul Curmi** - Kunsillier

Assenti: **Is-Sinjorina Maria Masini** - Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Ilmenti;
6. Milied 2016;
7. Il-Munxar Day 2016;
8. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv;
9. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
10. Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;
11. Aġġornament.

1. **Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

**1.01** Peress li l-Minuti ntbagħtu minn xi jiem qabel, dawn ġew meħuda bħala moqrija u ġew approvati.

2. **Punti mqajma mill-Minuti**

**2.01** Ma kienx hemm punti mqajma mill-Minuti.

3. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**3.01** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li fil-21 t'Ottubru 2016 instemgħat l-ewwel seduta tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex) tal-kawża Sammy Spiteri kontra Kunsill Lokali Il-Munxar. Is-seduta li jmiss ser issir fis-6 ta' Diċembru 2016.

**3.02** Is-Sindku, Segretarju Eżekuttiv u Viċi *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi attendew għal-laqgħa ma' rappreżentanti tal-MEUSAC dwar fondi li jista' jibbenefika minnhom il-Kumitat. Ġie diskuss dwar Fondi ta' ERDF Priority Axis 5 u dwar l-ewwel sejħa Italia-Malta Programme.

**3.03** Is-Sindku segwiet l-andament tal-ġbir ta' skart domestiku speċjalment dwar is-sitwazzjoni fix-Xlendi peress li mit-30 ta' Settembru 2016 bdiet sistema ġdida fejn skart organiku qed jinġabar għalih. Qed ikun hemm ħafna problemi peress li r-residenti, speċjalment tax-Xlendi, qed joħorġu l-borża s-sewda f'kull ġurnata meta l-ġbir tal-borża s-sewda jsir kull nhar ta' Tnejn u Sibt. Xi residenti qed jitolbu sabiex il-borża s-sewda tinġabar il-Ħamis minflok is-Sibt. Hija ssuġġeriet li ssir laqgħa bejn il-Kunsill u l-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi, kuntrattur u rappreżentanti tal-Wasteserv.

**3.04** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-*bring-in-site* tal-Munxar ġiet imneħħija u l-Ministeru għal Għawdex ser jibni ċint, jitfa' l-ħamrija u jitħawlu fjuri.

4. **Korrispondenza**

**4.01** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 28/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Applowdjar ta' dokumenti fuq is-sit www.lc.gov.mt'.

**4.02** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 29/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Struzzjonijiet lill-Kunsilli Lokali dwar Tilqim kontra l-Influwenza'.

**4.03** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 30/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Ilmenti mressqa quddiem Servizz.Gov'.

**4.04** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 31/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Inizjattiva ta' Taħriġ dwar l-Ordnijiet Permanenti'.

**4.05** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 32/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett '*Petty Cash*'.

**4.06** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 33/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Assigurazzjoni tal-Assi'.

**4.07** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 34/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Proċedura tal-*Bye-Laws* u ċ-*Checklist*'.

**4.08** Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tas-60 laqgħa tal-21 ta' Ottubru 2016, l-Iskeda tal-Ħlasijiet Numru: 44 u l-Minuti tal-Laqgħa Numru 59 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

**4.09** Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta rigward permess ta' żvilupp PA/06038/16 fi Triq Ras il-Bajjada, Il-Munxar u Applikazzjoni ta' Regolarizzazzjoni RG/00056/16 fi Triq il-Puniċi, Ix-Xlendi.

**4.10** Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex kopja ta' *e-mail* li huwa kien bagħat lid-Direttur, Gvern Lokali rigward il-ħtieġa ta' *Risk Assessment* mill-Kunsilli Lokali.

**4.11** Il-Kunsill irċieva invit mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex għaċ-Ċelebrazzjonijiet Jum Għawdex 2016.

**4.12** Il-Kunsill irċieva invit mingħand Paragon Europe għall-ewwel Climathon Event f'Malta 2016. Din is-sena l-*local climate challenge* hija bit-tema 'How to be best prepared for Green Valletta Capital of Culture 2018'.

**4.13** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex b'*reminder* għal-Laqgħa 60 tar-Reġjun Għawdex u mehmuż kopja tal-korrispondenza kollha li ġiet mitluba li tintbagħat fil-laqgħa preċidenti.

**4.14** Il-Kunsill irċieva invit mingħand The SOS Malta Team għall-*closing conference* tal-EEA & Norway Grants Malta NGO Programme (2013-2016) bit-tema 'Towards strengthened civil society, social justice and sustainable development in Malta'.

**4.15** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Sejħa ta' Interess fost il-Kunsilli Lokali biex jospitaw Għaqal id-Dar 2017'.

Il-ħin kien is-6.15 ta' filgħaxija u s-Sur Robert Mallia wasal fil-laqgħa għaliex kien xogħol.

## 5. Ilmenti

**5.01** Il-Kunsill irċieva lment mingħand il-Kunsillier Sonja Abela rigward l-ilment tas-sidien tal-Paradise Bar & Restaurant dwar is-siġar tal-Palm għax qed jaqa' ħafna żerriegħa minnhom u qatt ma jitnaddaf. Irreferiet ukoll għall-bankijiet li hemm faċċata tar-*restaurant*, għax qed jintefgħu ħafna tfal fuqhom u jagħmlu ħafna storbju, biex forsi mqar jitneħħa wieħed.
Sabiex issir żabra tal-Palm, irid ikun hemm il-permess mingħand il-Plant Health Department u f'dan iż-żmien tas-sena ma jagħtux permess. Rigward il-bankijiet, diġà kien hemm deċiżjoni mill-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi u l-Kunsill li dawn il-bankijiet jibqgħu mwaħħla hemm.

**5.02** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Stellini rigward Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi. Huwa qed jikteb f'isem il-persuna li tmexxi n-negozju Cool Snack Bar. Qed issir talba sabiex il-Pulizija jagħmlu aktar ronda f'din it-triq minħabba sewqan eċċessiv, issir CCTV u *sleeping police* f'din it-triq u ssir *zebra crossing*.
Teknikament kemm iż-*zebra crossing* kif ukoll is-CCTV u s-*sleeping police* ma jistgħux isiru. Dwar il-preżenza ta' Pulizija, il-persuna li għamlet l-ilment ser tiġi mitluba sabiex tagħmel rapport lill-Pulizija hekk kif tara xi ksur ta' regolamenti tat-traffiku.

**5.03** Il-Kunsill irċieva d-dokument Ix-Xlendi Tower Project Brief. Dan ġie ppreparat mis-Sur Kurt Cortis mill-MEUSAC sabiex ikun bil-lest għal meta toħroġ il-Call ERDF Priority Axis 5. Is-Sur Cortis ser jagħmel *inspection* tat-torri fit-3 ta' Novembru 2016.

**5.04** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Moviment Kerygma rigward il-'Premju Żagħżugħ tas-Sena 2016', bil-għan li joħroġ fil-beraħ l-impenn taż-żgħażagħ b'mod Nisrani fis-soċjetà Maltija u hu miftuħ għal dawk iż-żgħażagħ kollha li juru sens kbir ta' impenn fil-ħajja Nisranija tagħhom ta' kuljum. Il-Kunsill ġie mitlub jagħmel in-nomini tiegħu għal dan il-premju prestiġjuż.

**5.05** Il-Kunsill irċieva *e-mail* b'ritratt ta' żibel fuq il-bankina. Sid il-proprjetà qed tilmenta li l-ġara qed tpoġġi żibel fuq il-bankina quddiem tagħha. Il-Kunsill ma jista' jagħmel xejn, iżda min għamel l-ilment tista' tkellem lil min qed jabbuża jew tagħmel rapport lill-Pulizija.

**5.06** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident fi Triq il-Munxar dwar tfigħ ta' żibel f'mogħdija ta' għalqa qrib il-Wied tax-Xlendi. Huwa bagħat xi ritratti biex jindika l-post fejn hu. Is-Sindku ser tmur tara fil-post.

**5.07** Il-Kunsill irċieva informazzjoni mingħand il-Kunsillier Paul Curmi rigward fondi għall-organizzazzjonijiet volontarji mingħand il-Vodafone Foundation. Din l-*e-mail* ġiet irreferuta wkoll lill-NGO's tal-Parroċċa.

**5.08** Il-Kunsill irċieva *e-mail* fejn qed isir ilment u tinġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina u l-*outside gym*. Qed isir ilment li t-*toilets* qed jitħallew maħmuġa, *toilet paper* ma jitpoġġiex u t-tabelli tal-*gym* ma għadhomx jidhru. Mal-*e-mail* intbagħtu xi ritratti wkoll. Ġie deċiż li l-Kunsill jordna liż-żewġ *attendants* li jieħdu ħsieb il-latrina sabiex f'nofs il-ġurnata jibdew inaddfu wkoll. Rigward tabelli, dawn peress li ilhom 5 snin żgur li ma humiex bħal meta nxtraw iżda l-kliem għadu jinqara sew. Manutenzjoni tal-apparat u tad-dawl qed issir ta' spiss, anzi din l-aħħar sena l-ġnien qed ikun imsebbaħ bil-fjuri għax qed tieħu ħsiebu l-Kumpanija ELC Ltd. Bħalissa l-problema li qed jiltaqa' magħha l-Kunsill hija l-vandaliżmu li qed isir minn xi persuni irresponsabbli, iżda l-Kunsill dejjem ħa ħsieb u rranġa l-ħsarat.

**5.09** Il-Kunsill irċieva ritratt mingħand residenta ta' Triq Ta' Luvier ta' tliet boroż mimlija bil-ħmieġ tal-annimali. Hija qed tilmenta li dawn ma nġabrux mill-kuntrattur. Meta l-kuntrattur intalab spjegazzjoni, huwa informa lill-Kunsill li ma huwiex suppost jiġbor ħmieġ tal-annimali.

**5.10** Il-Munxar Falcons FC qed jitolbu sabiex Ix-Xlendi Road Map li hemm fi Pjazza Anfori titmexxa mill-post eżistenti għal post viċin. Dan qed jintalab peress li preżentament ir-*road map* qiegħda taħt is-siġar u qed titħammeġ bil-ħmieġ tal-għasafar. Fil-post il-ġdid propost ma hemmx siġar. Ix-xogħol ser isir minn ħaddiema tal-Gvern bl-għajnuna tal-membri tal-*Club*.

**5.11** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand The Malta Rabbit Club fejn qed jinfurmaw lill-Kunsill illi jekk il-Kunsill ikollu xi *event* huma jkunu lesti li jagħtu sezzjonijiet edukattivi dwar it-trobbija tal-fniek.

**5.12** Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, Direttiva Numru 4/2016 li tirrigwardja Direttivi dwar Xandir Soċjali (*Social Media*) fil-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ħa nota ta' din id-direttiva.

**5.13** Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi. Huwa qed jilmenta li residenti tal-*flats* tat-triq qed joħorġu l-borża s-sewda fil-ġranet li dawn ma jinġabrux u l-qtates u l-klieb qed iqattgħu l-istess boroż. Id-*divers* ukoll qed ipoġġu r-*rubbish* fuq il-bankina. Il-Kunsill ser jiddiskuti din il-problema fl-laqgħa li ser issir bejn il-Kunsill/Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi, il-Kuntrattur KIP Għawdex Ltd u Uffiċjali tal-Wasteserv.

**5.14** Il-Kunsill ġie mitlub minn Transport Malta sabiex iforni aktar informazzjoni dwar it-talba tal-Kunsill sabiex isir *double yellow line* fi Triq il-Munxar. Is-Sindku kienet ser tkellem lir-resident ta' fejn ser isir id-*double yellow line*.

**5.15** Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident ta' Triq San Pawl, Il-Munxar. Qed jilmenta li faċċata tiegħu hemm bankina u jixtieq li titbaxxa jew tidħol 'il ġewwa jew issir rampa għax qed jifqa' t-*tyre* tat-*truck*. Is-Sindku ser tmur tara fil-post.

**5.16** Is-Sinjorina Sonja Abela infurmat lill-Kunsill li s-Sur Giovann Vella għadu qed jistenna sabiex issirlu bozza quddiem il-proprjetà tiegħu fil-limiti Tal-Bardan u *double yellow line* quddiem id-dar tiegħu fi Triq San Pawl.
Rigward il-bozza, il-Kunsill għadu qed jistenna kopja tas-sentenza tal-Qorti rigward l-arblu u sabiex isir id-*double yellow line* għandu jipprovdi ritratti li jindikaw fejn ser isir biex il-Kunsill jagħmel talba lil Transport Malta.

**6. Milied 2016**

**6.01** Peress li kien qed isir il-ħin, is-Sindku pproponiet li din il-materja tiġi diskussa fl-laqgħa li ssir dwar din il-materja li tista' ssir nhar l-Erbgħa, 2 ta' Novembru 2016 fis-1.30 ta' waranofsinhar. F'din il-laqgħa ser tiġi diskussa wkoll iż-żjara tal-Eċċellenza Tagħha Il-President ta' Malta li ser issir fil-25 ta' Novembru 2016, fil-Kunsill Lokali.
Kien hemm qbil dwar dan.

**7. Il-Munxar Day 2016**

**7.01** Is-Sindku pproponiet li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li ser issir fit-2 ta’ Novembru 2016. Kien hemm qbil dwar dan.

**8. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv**

**8.01** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar laqgħa li saret maċ-*Chief of Staff* tal-President ta’ Malta. F’din il-laqgħa ġie diskuss il-programm tal-President u ġejna infurmati bil-ġurnata u l-ħin li l-President ser tiġi fil-lokalità tagħna. Waqt din iż-żjara l-Kunsill, il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi kif ukoll għaqdiet mill-Parroċċa jistgħu jippreżentaw xi donazzjonijiet għall-Community Chest Fund.

**8.02** Is-Segretarju Eżekuttiv ġie kkuntatjat mill-Uffiċċju tal-Karta tal-Identità fejn qed jinforma lill-Kunsill li xi persuni li qed jirreġistraw fil-proprjetà li hemm minflok l-*ex*-Andar Hotel qed jirreġistraw bħala Triq Ġdida u għalhekk huwa qed jitlob lill-Kunsill sabiex jagħti isem lil din it-triq. Peress li minn dejjem din il-parti tat-triq kienet meqjusa bħala kontinwazzjoni ta’ Triq il-Munxar, il-Kunsill ma jħossx li għandu jagħti isem lil din il-parti tat-triq.

**8.03** Is-Segretarju Eżekuttiv reġa’ rrefera għall-ilment li għamel is-Sur Emanuel Bajada rigward iż-żewġ lampi bin-numri 186 u 119 li qegħdin fi Triq il-Biżantini u Triq il-Qsajjem. Skont l-Inġinier Renzo Curmi wara li għamel spezzjoni fuq il-post tard filgħaxija fit-22 t’Awwissu 2016 huwa ddikjara li peress li l-lampi huma mwaħħla ma’ arbli fit-toroq u mhux imwaħħla ma’ xi bini u li għandhom 29W, li huwa l-anqas mit-tliet *wattages* li għandhom il-lampi tat-toroq, dawn huma installati skont il-kundizzjonijiet tal-kuntratt għat-tibdil ta’ lampi għal-LED.

Il-ħin kien it-8.30 ta’ filgħaxija u s-Sur Robert Mallia talab li jkun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**9. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

**9.01** Il-Kunsill approva l-iskeda ta’ pagamenti numru 24/2016(27_10_16).

**10. Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**10.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**11. Aġġornament**

**11.01** Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 23 ta’ Novembru 2016 fil-5.00 ta’ filgħaxija b’Aġenda li tkun ikkomunikata aktar ’il quddiem.

**11.02** Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-8.45 ta’ filgħaxija.

IFFIRMATA

***Carmen Said***
*Sindku*

IFFIRMATA

***Anthony Grech***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 23 ta’ Novembru 2016